Fuq il-passi ta' San Pawl fil-bażilika tagħna | 6
DAWRA MA' L-ARTI PAWLINA F'SAN ĠORĠ



*Francesco Pio Attard*
fpa@sangorg.org

# Caffaro Rore bin-Nawfraġju ta' San Pawl

Id-dawra tagħna max-xogħlijiet artistiċi ta' tema Pawlina fil-bażilika ta' San Ġorġ tintemm barra mill-ħitan tagħha, f'xogħol pjuttost riċenti li l-lum hu miżmum f'waħda mis-swali żgħar tad-dar parrokkjali. Qed nirriferi għall-kwadru tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, xogħol Mario Caffaro Rore.



Caffaro Rore twieled Turin, fit-tramuntana ta' l-Italja, fis-26 Frar 1910. Fl-1927 diġà kien qed ipitter, l-iktar xogħlijiet ta' tema reliġjuża, li l lum iżejnu kollezzjonijiet privati u pubbliċi, knejjes, kunventi, sptarijiet kif ukoll ċentri tal-konferenzi. Baqa' jpitter sa mewtu, li seħħet fl-2001.

Fil-ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor Caffaro Rore għadda xi żmien jgħix Malta, fejn f'April 1955 lesta l-aktar opra magħrufa tiegħu fil-gżejjer tagħna: l-affreski tal-koppla tal-katidral ta' l-Imdina. Il-kummissjoni prestiġjuża ngħatat lilu mill-arċisqof Mikiel Gonzi, li fl-1952 żar l-istudju ta' l-artist f'Turin wara li kien issuġġerihulu l-Ġiżwita Malti Dun Daniel Glavina, li kien sar jaf lil Caffaro Rore xi snin qabel u baqa' impressjonat bl-arti tiegħu. Fiż-żmien li għadda Malta l-artist Taljan pitter ukoll bosta xogħlijiet oħra għal kollezzjonijiet privati, fosthom għall-uffiċċjali ta' l-Ammiraljat Ingliż li dak iż-żmien kienu għadhom stazzjonati Malta. Kummissjoni artistika oħra importanti li ngħata f'Malta kienet sett ta' tnax-il pittura għall-knisja ta' Stella Maris, f'Tas-Sliema, li hu ħadem l-Italja fl-1959.

Ir-rabta ta' Mario Caffaro Rore mal-gżejjer tagħna fil-fatt ma ntemmitx meta l-artist reġa' lura l-Italja. Fl-1982 pitter kwadru kbir ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel, għas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* tal belt Victoria. Dan il-kwadru jinsab fis-Sala tal-Kumitat, fis-sede ta' l-istess soċjetà mużikali fi Triq ir-Repubblika. Kwadru ieħor, li hu pitter fl-1996, jirrappreżenta lill-Verġni Mbierka Sultana tal-Familja, u jinsab fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla, il-belt Victoria.

L-aħħar żjara ta' Caffaro Rore f'Malta u Għawdex għamilha fl-1999, meta diġà kellu disgħa u tmenin sena, fejn inawgura wirja ta' xogħlijiet tiegħu, kemm fuq l-injam u kemm fuq it-tila, fosthom numru ta' abbozzi mill-aktar artistiċi, li ttellgħet f'għieħu fis-sala ta' fuq taċ-ċentru parrokkjali ta' San Ġorġ, il-belt Victoria, Għawdex, bejn l-1 u l-10 ta' Ottubru. L-ammiraturi ta' l-artist riedu jonoraw ir-rabta antika tiegħu ma' Malta u Għawdex, kif ukoll is-sens profondament reliġjuż li wieħed jista' jaqra fl-arti tiegħu, li b'mod misterjuż tgħaqqad flimkien l-istil konvenzjonali u dak iżjed modern.

Fl-ewwel jum ta' din il-wirja l-artist kixef l-aktar xogħol riċenti tiegħu: kwadru mdaqqas (98 b'168ċm)







tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Il-ġifen kbir Ruman, misjuq mill-mewġ ikrah tal-baħar imqalleb, jidher imġarraf mal-blat tal-gżira, waqt li bosta mill-ħabsin qed jaqbżu fl-ilma u jgħumu lejn l-art. L-Appostlu Pawlu, imsieħeb minn suldat Ruman, diġà jidher fuq l-art, waqt li qatgħa ħamiem tittajjar 'il fuq mill-qlugħ tal-ġifen. Fil-kwadru, għalkemm il-ġrajja – ta' sinifikat kbir għall-istorja ta' ġensna – tista' tiġi identifikata bla diffikultà, m'humiex daqshekk ċari l-persunaġġi. Il-kuluri u l-istil pjuttost astratt tal-pittura jittrasmettu d-drama tal-ġrajja, li d-dettalji tagħha jagħtihomlna bl-ikbar reqqa San Luqa f'Atti 28.

Forsi mix-xogħlijiet artistiċi kollha li semmejna f'din is-sensiela dan hu l-iżjed wieħed li jista' jissejjaħ "Pawlin", għax jirrakkonta l-aktar ġrajja għażiża fl-istorja reliġjuża ta' Malta evanġelizzata minn San Pawl. Din il-blata ċkejkna f'nofs il-Mediterran timmerita li isimha jidħol fuq il-paġni ta' l-iktar ktieb importanti ta' l-istorja: l-Iskrittura Mqaddsa. Hi wkoll ġrajja li turi kif il-providenza divina mexxiet lill-Appostlu tal-Ġnus lejn ix-xtut tagħna biex il-fidi Kristjana waslet għand il-poplu Malti hekk kmieni fl-istorja tagħha. Kull sena din il-ġrajja kbira niċċelebrawha fl-10 ta' Frar.

Fi tmiem din is-sensiela fuq l-arti Pawlina f'San Ġorġ xtaqt nagħmel riferenza ċkejkna għal xogħlijiet oħra – li wkoll nistgħu nsejħulhom teżori ta' l-arti – li jagħmlu parti mill-kollezzjoni tal-bażilika tagħna. It-tipoloġija Pawlina fil-fatt tidħol ukoll fl-ilbies, fid-drappijiet, fil-fidda u d-deheb, fil-karta stampata, u f'oqsma oħra ta' l-arti li forsi ma nagħtuhomx importanza daqs il-pittura u l-iskultura. Insemmi biss eżempju wieħed: terħa tal-bizzilla li nsibuha fil-kollezzjoni ta' lbies sagru tal-bażilika, li għandha fost is-simboli maħduma fuqha, bi preċiżjoni liema bħalha, dawk Pawlini tax-xabla mdawra b'serp u żewġ friegħi tal-palm.



***Ritratti (minn fuq):***

**1.** Il-kwadru ta' San Ġorġ miżmum fis-sede tas-Soċjetà *La Stella*, fil-belt Victoria.

**2,3.** Waqtiet mill-wirja b'xogħlijiet ta' Caffaro Rore, li saret fiċ-ċentru parrokkjali ta' San Ġorġ, fl-1999.

**4.** Xogħol tal-bizzilla bis-simboli Pawlini, parti mill-kollezzjoni tal-bażilika.